MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## DOREEN CLARKE

Seduta tas-16 ta' Awwissu, 2009

Numru. 840/2009

**Il-Pulizija**
**[Spettur Arthur Mercieca]**

**Vs**

**Edmond Thorton**

Kumpilazzjoni Numru: 840/2009

**Illum, 16 ta' Awissu, 2009**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Edmond Thorton ta' 22 sena, imwieled Pieta' nhar is-26 ta' Dicembru, 1986 bin Fergus u Catherine nee' Borg, residenti gewwa Block 1, Door B, Flat 15, Triq tal-Mithna, Gudja u detentur tal-Karta ta' l-Identita' bin-numru:22987 (M).

Akkuzat talli nhar il-15 ta’ Awissu, 2009 ghall-habta ta’ 4:30pm gewwa l-Gudja attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew b’hebb ta’ xorta li ma titqies vjolenza pubblika kontra persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku u cioe’ SM 1373 J.Micallef, PS 440 K.Vella Gregory, PC 847 J.Zerafa, PC 385 E.Dalli, PC 843 P.Miceli filwaqt li kienu qed jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta’ ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita’ kompetenti.

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi gewwa l-Gudja ingurja u ghamel offiza fuq il-persuna ta’ PS 440 K.Vella Gregory skond ma ccertifika Dr.J.Agius Muscat MD Reg 2539 mill-Paola Health Centre, persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt li kien qed jaghmel jew minhabba li kien qed jaghmel dan is-servizz li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra il-ligi fl-ezekuzzjoni ta’ dak is-servizz.

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi gewwa l-Gudja volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli u cioe’ ghamel hsara fuq mobile phone ghad-detriment ta’ PS 440 K.Vella Gregory liema hsara tammonta ghall Euro 198.

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi gewwa l-Gudja volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli liema hsara teccedi Euro 116.47 fuq vettura JAN 129 ghad-dannu ta’ Loretu Gatt.

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi gewwa l-Gudja ikkaguna feriti ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ Maria Daniela Formosa kif iccertifika Dr.Martin Mallia mill-poliklinika ta’ Rahal il-Gdid.

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi gewwa l-Gudja volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet pubbliku b’ghajjat u glied.

Rat l-artikoli 95, 96, 221, 325(1)(b), u 388(dd) tal-Kapitolu 9 ta l-Ligijiet ta’ Malta.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum 16 ta’ Awissu 2009 minn din il-Qorti bhala Qorti Struttorja l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkonsidra l-pozizzjoni tieghu.

Rat id-dokumenti esebieti.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura ta’ l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat; hadet in konsiderazzjoni ukoll l-ammissjoni ta’l-imputat f’l-aktar stadju bikri ta’ dawn l-proceduri.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat 95, 96, 221, 325(1)(b), u 388(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta’l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u tikkundannah sena prigunerija li b’applikazzjoni ta’l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta qed jigu sospiezi ghal perjodu ta’ sentejn. In oltre b’applikazzjoni ta’ l-artikolu 28G ta’l-istess Kapitolu 9 qed tpoggi lill-imputat taht ordni ta’ supervizzjoni, ghal perjodu ta’ sentejn, bil-kundizzjonijiet elenkati f’l-ordni mghoti kontestwalment. U b’applikazzjoni ta’l-artikolu 28H ta’l-istess Kapitolu 9 qed tordna lill-imputat biex fi zmien tlett xhur ihallas is-somma ta’ mija u sittax il-Euro u sebgha u erbghin centezmu (Euro 116.47) u mija u tmienja u disghin Euro (Euro 198) lil Loretu Gatt u lil PS440 K. Vella Gregory rispettivament. U b’applikazzjoni ta’l-artikolu 383 ta’l-imsemmi Kapitolu 9, biex tipprovdi ghas-sigurta ta’ Maria Daniela Formosa u l-familjari taghha torbot lill-imputat b’obbligazzjoni tieghu nnifsu ghal perjodu ta’ sena taht penali ta’ elfejn Euro (Euro2,000) li ma jdejjaqx u ma jimmolestax lill-imsemmija persuni.

Il-Qorti spejgat lill-imputat fi kliem ordinarju r-responsabbilta tieghu u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien sentejn u jekk ma joqghodx ghall-ordnijiet lilu moghtija.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u l-ordni ta' supervizzjoni jigu notifikati lid-Direttur ta'l-Ufficju tal-Probation.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------